# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 858/2024**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**Vs**

**Peter Dingli**
(K.I 0601702L)

U

**Ryan Paul De Thier**
(**P**assaport Brittanniku bin-numru 558873953)

**Illum, 30 ta' April, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Peter Dingli** ta' wieħed u għoxrin (21) sena, iben Karl u Maria xebba Muscat imwieled ġewwa l-Kenja nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) bla indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0601702L u **Ryan Paul De Thier** ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, imwieled ġewwa Hong Kong nhar it-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elf disgħa mija u disgħa u disgħin (1999)

bla indirizz fiss u detentur tal-passaport Brittanniku bin-numru 558873953 u akkużati talli nhar it-tlettax (13) t'Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn il-ħamsa ta' filgħodu (05:00am) u s-sitta u kwart ta' filgħodu (06:15am) fil-viċinanzi tal-banka tal-lottu ta' Triq tal-Katidral, tas-Sliema u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Bil-ħsieb li jisirqu għad-dannu ta' **Lijo Jose** urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt liem delitt ma ġiex esegwit minħabba xi haġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħhom, liem serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-ħin u bil-valur, liem valur jeċċedi mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

2. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bla ordni skont il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil **Lijo Jose** kontra l-volontà' tiegħu, liem delitt seħħ bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex persuna oħra tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu kif ukoll l-imsemmi Lijo Jose ġie offiż fuq il-persuna jew mhedded bil-mewt;

U akkużati wkoll talli nhar it-tlettax (13) t'Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn is-sitta u kwart ta' filgħodu (06:15am) u is-sebgħa ta' filgħodu (07:00am) Triq Guze' Howard, tas-Sliema u/jew fi bnadi oħra f dawn il-Gżejjer:

3. Bil-ħsieb li jisirqu għad-dannu ta' **Edward Attard**, anzjan ta' sebgħa u sebgħin sena, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liem delitt ma ġiex esegwit minħabba xi haġa aċċidentali u indipendenti mill-

volontà tagħhom, liem serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-ħin;

4. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bla ordni skont il-liġi, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil **Edward Attard**, anzjan ta' sebgħa u sebgħin sena, kontra l-volontà tiegħu, jew b'xi mod irrestrinġew jew ostakolaw l-moviment liberu u aċċess mhux ostakolat tal-istess Edward Attard u liema imġiba twettqet bl-użu tal-vjolenza, forza, tixħim, qerq, ingann, jew billi urew ħaġa b'oħra, pressjoni mhux kif imiss jew xi mġiba oħra illegali jew bit-theddid ta' aġir bħal dan;

U akkużati  wkoll talli nhar it-tlettax (13) t'Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn il-ħamsa ta' filgħodu (05:00am) u s-sebgħa ta' filgħodu (07:00am) f'diversi bnadi ġewwa tas-Sliema u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer;

5. Żammew f'xi fond jew fid-dintorni tagħhom xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

6. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, waqt li kienu qegħdin jagħmlu reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà, kellhom fuq il-persuna tagħhom xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Lijo Jose u Edward Attard u/jew xi persuna/i oħra billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputati skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-

persuni offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex kemm-il darba ssib ħtija fl-imputati għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzioni lill-vittmi.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, tordna l-konfiska tal-istrumenti li servew jew li kienu maħsuba li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, u dan ai termini tal-Artikolu 23 Kapitolu 9 u l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f’każ ta' ħtija, tiskwalifika lill-imputati milli jkollhom jew jiksbu dak il-warrant, liċenzja, permess jew awtorità', għal perjodu ta żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq, u dan ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tad-09 ta’ April 2025 l-akkużati rreġistraw ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom u fid-dawl ta’ din l-ammissjoni il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-tweġiba u ngħataw żmien xieraq sabiex, jekk iridu, jerġgħu lura minnha, jew min minnhom.

Semgħet lill-akkużati jerġgħu jikkonfermaw l-ammissjoni tagħhom;

Rat illi b'rikors konġunt tal-prosekuzzjoni u tad-difiża ta' Ryan Paul De Thier, ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali ippreżentat nhar id-9 ta' April 2025, il-prosekuzzjoni u d-difiża indikaw piena li, fil-fehma tagħhom, tkun waħda idonea fl-eventwalità ta' ammissjoni ta' ħtija da parti tal-akkużat Ryan Paul De Thier;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensur ta' Peter Dingli;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat illi din is-sentenza qed tingħata fir-rigward ta' Ryan Paul De Thier fuq talba tal-prosekuzzjoni u tiegħu;

Rat illi din is-sentenza qed tingħata fir-rigward ta' Peter Dingli wara l-ammissjoni nkondizzjonata tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi l-inċidenti *de quo* għandhom *modus operandi* pjuttost simili. Filfatt, dakinhar tat-13 ta' Ottubru 2024 għall-ħabta ta bejn is-5:50am u s-6:10am, l-akkużati kienu liebsin hoodie iswed u lbies skur u avviċinaw lill-vittma Lijo Jose u wieħed minnhom poġġielu sikkina ma żaqqu waqt li talbu jtiħ il-wallet. Il-vittma qal li ma kellux wallet u għalhekk talbuħ jiftaħ ir-Revolut, iżda wara li raw li ma kellux fondi fiħ telqu 'l hemm. Illi ftit tal-ħin wara, ċioè għall-ħabta tas-6.30am, l-akkużati raw lill-vittma Edward Attard miexi fi Triq Howard u marru fuqu jsaqsuħ għal sigarett. X'ħin informhom li ma kellux, wieħed minnhom ħareġ sikkina u talbu l-flus. Il-vittma informhom li kien ex-membru tal-korp tal-Pulizija u x'ħin semgħu hekk, ħalluħ jgħaddi bil-kwiet. Huwa mar jagħmel rapport mal-pulizija u nforma wkoll is-Sindku ta' Tas-Sliema. L-għada, ċioè nhar l-14 ta' Otturbu 2024. Il-vittma Lijo Jose wkoll mar jagħmel rapport mal-Pulizija.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti sa dan l-istadju, il-Qorti tara li dawn huwa każ fejn l-akkużati pprovaw iwettqu serq minn fuq il-persuna, ossija *mugging* kemm minn fuq persuna anzjana u kemm minn persuna li m'hijiex anzjana. Di più f'dan il-każ l-akkużati ma qagħdux lura milli jużaw sikkina fil-konfront tal-vittmi tagħhom u hedduhom biha. Dawn iż-żewġ każi seħħew ukoll fis-siegħat bikrin ta' filgħodu fejn normalment ma tantx ikun hemm nies fit-triq biex b'hekk l-akkużati jagħtu inqas fil-għajn. Il-Qorti tqis li l-mod ta' kif twettqu dawn ir-reati huwa serju ħafna u apparti li jispussessa lill-vittmi mill-oġġetti tagħhom, jikkawża biża' kemm fil-vittmi kif ukoll fil-popolazzjoni tal-madwar li d-darba li jmiss jistgħu jkunu huma. Għalhekk il-Qorti tqis li l-piena għandha tkun waħda li tirrifletti s-serjetà ta' dawn ir-reati u ċ-ċirkostanzi tagħhom.

Illi l-Qorti semgħet ukoll, madanakollu, illi l-akkużati għandhom problema akuta ta' droga. Rat illi din hija l-ewwel darba li xellfu difrejhom mal-liġi u li huma ammettew l-involviment tagħhom mingħajr wisq dewmien.

Ikkonsidrat:

Illi l-akkużati ammettew l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħhom u għaldaqstant iddikjaraw il-ħtija tagħhom ai termini tal-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mill-provi prodotti sa dan l-istadju, il-Qorti ma tara ebda raġuni għalfejn għandha tiddubita mill-ammissjoni tal-akkużati u b'hekk, stante li l-Artikolu 392A(3) ma jsibx applikazzjoni għall-każ *de quo,* fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħhom l-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużati ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħhom kif minnhom ammessi.

Illi permezz tar-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużata ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali, il-prosekuzzjoni u Ryan Paul De Thier indikaw illi fl-eventwalità ta' dikjarazzjoni ta' ħtija, il-piena li għandha tiġi nflitta għandha tkun dik ta priġunerija effettiva għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin xahar (24), multa ta' mija u sittax-il Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżemu (€116.47) ai termini tal-Artikolu 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u dan oltre kwalsijasi spejjeż, sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassattiva għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ai termini tal-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk, tenut kont (i) tal-ammissjoni tal-akkużat Ryan Paul De Thier ai termini tal-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tal-fatt li l-Qorti hija sodisfatta li s-sanzjoni u miżura proposti kienu jkunu leġittimament imposti fuq l-akkużat Ryan Paul De Thier f'każ ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Artikolu 392A(7) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u (iii) li m'hemm ebda raġuni għalfejn il-Qorti tordna t-tkomplija tal-kawża skont l-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib illi l-elementi kollha rikjesti għal din il-proċedura huma pjenament sodisfatti u għalhekk ser tgħaddi biex tilqa' t-talba tal-partijiet u, konsegwentement, permezz tal-preżenti, qed tiddikjara illi din is-sentenza fir-rigward ta' Ryan Paul De Thier li qiegħda tingħata qed tiġi hekk mogħtija fuq talba tal-partijiet msemmija.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-akkużat Peter Dingli, id-difiża tissottometti illi l-piena indikata mill-prosekuzjoni fir-rigward ta' Ryan Paul De Thier m'hijiex viċina lejn il-minimu, anzi hija pjuttost għolja meta jitqiesu ċerta ċirkostanzi tal-każ bħal, per eżempju, l-fatt li l-prosekuzzjoni ma stabbilietx x'inhu l-ammont li setgħu jisirqu l-akkużati li kieku ma ġewx interrotti.

Il-Qorti, ma taqbilx mas-sottomissjoni illi l-piena m'hijiex waħda lejn il-minimu u hija tal-fehma li hija waħda ekwa maċ-ċirkostanzi u mal-gravtiá

tar-reati mwettqa minnhom u ammessi. Il-Qorti tfakkar ukoll li l-akkużat Peter Dingli ammetta għall-akkużi dedotti kontra tiegħu u għalhekk, għalkemm fattwalment il-prosekuzzjoni ma laħqitx ressqet provi tal-valur li seta' nsteraq f'dan il-każ, huwa ammetta għall-akkużi ta serq kif postulati, ossija bl-aggravju tal-valur. Għalhekk din is-sottomissjoni m'għandhiex mis-sewwa.

Illi l-Qorti għalhekk tara li l-piena indikata fir-rigward ta' Ryan Paul De Thier tista', anzi għandha, tiġi applikata wkoll fir-rigward ta' Peter Dingli peress li kemm iċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll l-akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom huma identiċi.

Il-Qorti tqis ukoll, madanakollu, li l-akkużati għandhom ukoll jibbenefikaw minn Ordni ta' Trattament sabiex jindirizzaw kwlasijasi diffikultà li jista' talvoltja għandhom bil-vizzju tad-droga, bit-tir li ma jerġgħux jirrikorru għall-kriminalità sabiex isostnu l-vizzju tagħhom.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 31, 41(1)(a), 86, 87(1)(c)(e), 257E(1)(2), 261(a)(ċ)(f), 262(1)(b)(2), 267, 270, 276, 276A, 277(a), 279(a), 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 55(a) tal-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġiijet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tagħhom, qed issib lil **Peter Dingli** u lil **Ryan Paul De Thier <u>ħatja</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom u qed tikkundanna lil kull wieħed minnhom għall-piena ta' erbgħa u għoxrin xahar (24) priġunerija effettivi u għall-multa ta' mija u sittax-il Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) kull wieħed.

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel ordni ta' trażżin fil-konfront tal-akkużati a favur ta' **Lijo Jose** u **Edward Attard** għall-perjodu ta' sena (1) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-iskadenza jew maħfra tal-piena mogħtija b'din is-sentenza u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Inoltre, bl-applikazzjon tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħatja u dan skont it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment, liema Ordni ta' Trattament għandu jibqa' fis-seħħ għall-perjodu ta' tmintax-il (18) xahar;

Inoltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-armi li ntużaw waqt it-twettiq tar-reati odjerni u qed tordna lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex twettaq id-distruzzjoni tal-istess oġġetti hekk ikkonfiskati;

Bl-applikazzjoni tal-30 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 57 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tħassar jew tissospendi liċenzja maħruġa taħt l-imsemmi Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tipprojbixxi lill-akkużati milli jkollhom xi liċenzja taħt il-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tlett (3) snin mil-lum;

Illi finalment, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma ġew ingaġġati ebda esperti f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti qed tiġbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin illi l-ħatja għandhom problema akuta ta' dipendenza fuq id-droga u għaldaqstant għandu jagħti qies u joffrilhom kwalunkwe għajnuna li tista' tingħatalhom sakemm l-akkużati jibdew programm mir-riabilitazzjoni tad-droga.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur Servizzi Probation and Parole u lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

Tordna wkoll li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma’ aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**